MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2006

Numru. 269/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert N. Ciappara)**

**versus**

**Ismail Khamis Rojbani**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjoni deddotti kontra Ismail Khamis Rojbani ta' 30 sena mwieled Tripoli, Libya fil-11 ta' Marzu, 1974, iben Khamis u Naima nee Inrahim, residenti fil-Libya, Triq il-Jamahiriya, Tripoli, detentur tal-Passaport Libjan 433255/2000.

Akkużat talli

a) fis-26 ta' Marzu, 2005 importa jew ġab f'Malta raża meħuda mill-pjanta tal-kannabis u dan bi ksur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

a) talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża tal-kannabis bi ksur ta' l-artikolu 8 (a) tal-Kap 01 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

2. Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Rat l-atti kollha ta' dan il-proċess fosthom l-interrogatorju a fol. 4 fejn l-imputat kien wieġeb li mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, l-ordni tat-28 ta' Marzu, 2005 fejn l-Avukat Ġenerali kien qal li l-imputat għandu jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali, l-ordni wkoll ta' l-istess Avukat Ġenerali bid-data ta' l-1 ta' Marzu, 2006, fejn l-Avukat Ġenerali kien biddel l-ewwel ordni tiegħu u qal li l-imputat għandu jiġi proċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Ġudikatura Kriminali fuq l-akkużi miġjuba kontra tiegħu għall-ksur tal-provvedimenti ta' l-istess Ordinanza. Għalhekk kien bagħat lil din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-atti tal-kumpilazzjoni magħmulin kontra 'l fuq imsemmi u li kienu mibgħuta lilu fl-1 ta' Frar, 2006.

4. Il-Qorti rat dokumenti oħrajn illi kienu ppreżentati matul il-kors ta' dawn il-proċeduri u li jidhru a fol. 20, li huma parti minn boarding card tal-Libyan Arab Airlines, biljett ta' l-Air Malta illi kien maħruġ ġewwa Tripoli f'isem Rojbani Mr. Ismael, kif ukoll il-proces-verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. u li huwa intitolat "Sustanza suspettata kannabis mormija fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fis-26 ta' Marzu, 2005", li fih kienu nħatru bħala esperti:

a) L-Ispiżjar Mario Mifsud
b) PC 1374 Edgar Dalli
c) PS 198 Arthur Debattista
d) PC 1253 Frederick Brincat

5. Rat ukoll l-eżami komparattiv, dejjem fl-istess proċeduri, illi sar mill-espert Joseph Mallia, li kien maħtur bħala espert ta' l-impronti diġitali mill-Maġistrat Sedenti.

6. Semgħet ix-xhieda kollha bil-ġurament.

7. Rat illi fil-verbal ta' l-24 ta' April, 2006 l-imputat irreġistra ammissjoni ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

8. Mill-provi jirriżulta li l-Ispettur Nadia Lanzon kienet qed tassisti lill-Ispettur Norbert N. Ciappara f'investigazzjoni kontra l-imputat. L-imputat kien wasal Malta fuq titjira minn Tripoli u kienet instabet xi sapuna tar-reżina tal-kannabis. Ittieħdet l-istqarrija fl-uffiċċju ta' l-Ispettur Norbert N. Ciappara għall-ħabta tal-11.50 a.m. u l-Ispettur Nadia Lanzon kienet xhud ta' l-istqarrija.

**L-Istqarrija ta' l-imputat**

9. Din saret fis-27 ta' Marzu, 2005. Huwa qal li kien ġie mill-Libja biex jixtri xi ħelu u jieħdu miegħu ġewwa l-Libja. Meta kien mistoqsi għala ħarab meta waqqfuh tad-Dwana, huwa qal li kien beża' u peress li kien fis-sakra għaliex kien xorob ħafna fuq l-ajruplan ħaseb li ser jiġri bħal Libja, jekk isibuk fis-sakra jarrestawk. Huwa nnega dak il-ħin, waqt l-istqarrija, illi s-sapuna raża tal-kannabis kienet tiegħu. Hu qal li ma kien ġab xejn u ma riedx jitkellem. Lanqas ma ried jgħid ir-raża għalfejn ġabha hawn Malta. Huwa kellu jdum Malta dak il-jum biss u jitlaq. Huwa kien se jixtri ħelu mill-ajruport u ħalib tal-baby. Huwa qal li ftit liri Maltin kienu biżżejjed.

10. Xehed ukoll l-Ispettur Norbert N. Ciappara li qal li kien infurmat li fis-26 ta' Marzu, Sibt il-Għid, xi d-9.00 p.m li membri tad-Dwana kienu waqqfu persuna fl-ajruport ta' Hal Luqa. Wieħed mill-Ispetturi kien qallu li huma kienu waqqfu lill-imputat, għamlulu tfittxija fil-bagalja imbagħad wieħed mill-Uffiċjali beda jissuspetta ħazin fl-imputat. Waqt illi is-Sur J. J. Azzopardi mar biex jiftaħ is-search room li hemm viċin l-x-ray machine, l-imputat ħareġ jiġri

minn ġewwa l-arrivals lounge. Imbagħad kienu ħarġu jfittxuh il-Pulizija ta' l-Immigrazzjoni. L-Ispettur xehed ukoll li meta resqu lejh il-Pulizija l-imputat reġa' pprova jaħrab pero' mbagħad qabduh. Ir-raża tal-kannabis kien elevaha l-Ispettur innifsu, u dan minħabba sigurta'. Wara li ħadu l-uffiċċju, l-imputat baqa' jinnega li kellu xi ħaġa.

11. Xehed ukoll il-Fizzjal tad-Dwana, C. J. Farrugia, li qal illi l-kollega tiegħu kien talab lill-imputat il-passaport u kien ġie deċiż li jsirlu personal search. Fil-frattemp, l-imputat ħareġ 'il barra mill-arrivals. Ix-xhud u kollegi oħrajn ħarbu għal warajh u hu u ħiereġ mill-arrivals, wasal ħdejn l-isliding door ta' l-arrivals, raw oġġett jaqa' minn fuqu u x-xhud baqa' jiġri warajh. L-imputat intilef ġol-karozzi ġol-parking area ta' l-ajruport. L-oġġett kien semgħu jaqa'.

12. Xehed ukoll Uffiċjal ieħor tad-Dwana, John Azzopardi li qal li ssuspettaw fl-imputat u ġabuh fis-search room biex jagħmlulu frisk search fuqu. F'daqqa waħda l-imputat tar minn quddiemu. Biex joħorġu fis-sala qabżu r-railings u sema' lin-nies jgħidu 'Ara x'waqagħlu' għalhekk, telaq jiġri u jaraw oġġett fl-art. Dak il-ħin, dan l-Uffiċjal ċempel lill-Pulizija. Ix-xhud mar sad-departures u meta wasal hemm infurmawh li kien niżel is-Surġent, David Ohion u qalulu li kien qabad lill-imputat. L-imputat kien qal li kien ħarab għax kien xurban. Ix-xhud qal li ma xamm ebda riħa, pero' biss, l-imputat dar lejh beżgħan.

13. Mill-proces-verbal jirriżulta li PC 1253 Frederick Brincat flimkien ma' PS 198 Arthur Debattista kienu nnominati mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. sabiex imorru fuq il-post u ġibdu ritratti ta' din il-blokka li ma kienx elevaha hu u lanqas ma kien fetaħ ir-wrapping hu. PS 198 Arthur Debattista ħa ħsieb ix-xogħol ta' fotografija, ġibed sittax-il ritratt li huma ffotografati bil-kodiċi tal-laboratorju 05 BAR 101 sa 116. Din l-aħħar waħda hemm ritratti ta' police evidence bag number 802158 li fih ġiet issiġillata s-sustanza suspettata droga. PC 1253 Frederick Brincat eleva din il-blokka ta' din is-sustanza mġeżwra f'tape kannella, mill-pussess ta' PC 1183 Oliver Borg u ssiġilaha ġewwa evidence bag number 802158.

14. Xehed l-Ispiżjar Mario Mifsud u mir-rapport tiegħu jirriżulta li t-total weight kien 241 grammi, li din kienet tetra hydro cannabinol (THC), il-purita' kienet ta' 6.2 %.

15. Xehed ukoll PS 1374 Edgar Dalli li qal li r-rapport kien fih biċċa plastik li fuqha ġiet żviluppata impronta li hi ppreżentata b'żewġ ritratti.

16. L-espert, is-Sur Joseph Mallia, esebixxa żewġ formoli fit-28 ta' Ottubru, 2005, wieħed Dok. JM1 li hija formola ta' l-impronti diġitali ta' l-imputat, imbagħad il-formola Dok. JM2 li hija l-formola tal-pali ta' l-idejn, li kien għadu kemm ħa, seduta stante fuq ordni tal-Qorti.

17. Meta xehed fit-30 ta' Jannar, 2006, is-Sur Joseph Mallia, kien qal illi huwa kien eżamina l-impronti. Eżamina l-impronti oriġinali u rriżulta li l-impronta li kienet tidher fuq ir-ritratt kienet l-istess impronta li kien hemm fuq il-borża. Għar-rigward ta' l-eżami komparattiv, huwa qal li l-informazzjoni li fiha l-impronta, kemm tal-borża kif ukoll tar-ritratt hija nieqsa ħafna u għalhekk ħadd ma jista' jasal għall-konklużjoni li dik l-impronta taqbel ma' l-impronti ta' l-imputat jew inkella ta' xi ħadd ieħor. L-informazzjoni kienet nieqsa ħafna għall-fini ta' komparizzjoni. Hawn kien ukoll ippreżentat ir-rapport tiegħu.

18. Stante li l-imputat ammetta l-akkużi kontrih, allura ż-żewġ imputazzjonijiet ġew ippruvati skond il-liġi. Għalhekk, il-Qorti wara rat l-artikolu 7, l-artikolu 22(1) (a), 22(2) (b)(i), 8(a), tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 17 tal-Kap. 9 kif ukoll l-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ssib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu bl-assorbiment skond l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 u qed tikkundannah għall-piena ta' priġunerija ta' tmienja u għoxrin (28) xahar u għall-ħlas ta' multa ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000). Mill-perjodu tal-priġunerija għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat kien taħt arrest preventiv.

19. Il-Qorti mhux qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż ta' dawk l-esperti maħtura matul l-inkjesta u dan

għaliex dan sar qabel is-16 ta' Jannar, 2006. Iżda qed tikkundannah iħallas l-ispejjeż ta' l-espert Joseph Mallia għaliex dan sar fil-mori tal-kawża u matul il-proċeduri. Dawn jammontaw għal mija u seba' u tletin lira u disgħin ċenteżmu (Lm137.90).

20. Jekk il-multa ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) ma titħallasx, allura din tinbidel f'perjodu ta' priġunerija għal sitt xhur.

21. Il-Qorti qed tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------